MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2006

Numru 850/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**TAREK MAHMOUD ABOU MEHDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tarek Mahmoud Abou Mehdi, ta' 30 sena, bin Mahmoud u Sohad, imwieled gewwa Tripoli nhar l-4 ta' Dicembru, 1975, residenti fil-fond Block I, Bieb B, Flat 4, Triq Francesco Balbi, San Giljan, u detentur ta' passaport libjan bin-numru 405492;

Akkuzat talli:

1. Fil-Belt Valletta, nhar is-6 ta' Awissu, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta'

vettura tal-ghamla *Daihatsu Charade*, bin-numru tar-registrazzjoni IAI 569, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli nhar is-6 ta' Awissu, 2006, f'xi hin wara nofsinhar, fl-inhawi ta' Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom *mobile phone* tal-marka *Siemens*, u flus kontanti li l-valur globali taghhom jiskorri l-hamsin lira maltin (Lm50.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Rachel Pirotta Maureen Bartolo;

3. U finalment akkuzat ukoll talli huwa recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 271, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Tarek Mahmoud Abou Mehdi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien seba' (7) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------